MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 418/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Shaun Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Shaun Tabone talli fl-1 ta’ Settembru 2006 ghall-habta ta/ 10. 45 a.m. fi Triq Telghat Rahal Gdid, Paola, holoq attivita` kummercjali li tinkludi l-bejgh ta’ vettura nru. HAE-743 tal-ghamla Skoda meta l-ebda vettura ma ghandha tintwera ghall-bejgh, ghat-tiswija jew inkella tinhasel f’xi parti mit-triq u/jew tkun ipparkjata f’post pubbliku ghall-hsieb lit kun esposta ghall-bejgh tal-vettura mmarkata bil-kliem “Ghall-bejgh” jew kull kliem (79052121) li jkun jindika l-intenzjoni indikata hawn qabel prezz Lm160;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Shaun Tabone hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontrieh u, wara li rat ir-regolament 13 u t-Tieni Skeda ta’ l-Avviz Legali numru 1 tas-sena 2006, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal twiddiba;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fis-26 ta’ Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontrih u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannatu ghal twiddiba u minflkok tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-kwistjoni mqajma fis-seduta tallum dwar in-nullita` tas-sentenza appellata. Jinghad l-ewwelnett illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Mill-artikoli citati fis-sentenza appellata, jirrizulta illi l-ewwel Qorti rreferiet ghar-regolament 13 ta’ l-Avviz Legali 1 tas-sena 2006. L-imsemmi regolament m’ghandu x’jaqsam xejn ma’ l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat peress illi dak ir-regolament jipprovdi dwar il-partikolaritajiet u l-kondizzjonijiet li ghandhom ikollhom il-licenzi mentri l-appellat gie akkuzat li Holoq attivita` kummercjali.

Skond il-gurisprudenza nostrana, ic-citazzjoni ta’ artikolu hazin huwa ekwiparabbli man-nuqqas ta’ citazzjoni ta’ l-

artikolu li jikkontempla r-reat in kwistjoni. Konsegwentement is-sentenza appellata ghandha titqies nulla u bla ebda effett ghax difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------